Leone Philharmonic Society
100, Republic Street
Victoria, VCT1017
Gozo, Malta

**For Immediate Release**

**March, 6th 2010**

**Leone Band services for Holy Week 2010**

The Leone Band A.D.1863 of Victoria (Gozo) announces its participation in three events related to the Holy Week celebrations.

This year, the Leone Band shall accompany the Good Friday Procession which issues from the Gozo Cathedral Church, up within the Citadel, on Palm Sunday, 28th March 2010. It shall commence at 6.30pm. On this occasion, the Leone Band shall play funerary marches issued last year (2009) which can be found on the album *Pro Nobis*, for sale from the band club. A new set of funerary marches is, as usual, scheduled for next year.

Next comes the concert of Sacred Music by the Leone Band at the Cathedral Church on Tuesday 30th March 2010, starting at 8pm. It shall also include sung sacred motets by the *Chorus Ecclesiae Cathedralis* (choir master: Colin Attard) and the *Cathedral Youth Choir* (choir master: Matthew Sultana). The Leone Band shall be performing an array of sacred music related to Holy Week, including very interesting local works. The concert comes to an end with the rendition of the ode to the cross – the funerary hymn *La Croce* composed in 1911. Entrance to the concert is free.

On Maundy Thursday, the Aurora Youth Movement, within the Leone Philharmonic Society, shall team up with the youths' section of the Cathedral parish to organise the Seven Sepulchre visits around Gozo. Organised transport departs from Savina Square at 9pm.

Weather permitting, Easter Sunday is a festive day which the Leone Band celebrates with a morning march during which, it accompanies the statue of the Resurrected Christ. It issues from the Gozo Cathedral at 10.30am and is paraded around Savina Square and Independence Square, accompanied by festive marches.

More information can be acquired from www.leone.org.mt or via telephone on 21562974 (office).

* * *

Soċjetà Filarmonika Leone
100, Triq ir-Repubblika
Victoria, VCT1017
Għawdex, Malta

**Lill-Mezzi tax-Xandir**

**6 ta' Marzu, 2010**

**Il-Banda Leone fil-Ġimgħa Mqaddsa 2010**

Il-Banda Ċittadina Leone A.D.1863 tal-Belt Victoria (Għawdex) tħabbar is-sehem tagħha fi tliet attivitajiet relatati maċ-ċelebrazzjonijiet tal-Ġimgħa Mqaddsa.

Din is-sena, il-Banda Leone takkumpannja l-Purċissjoni tal-Passjoni mill-Katidral ta' Għawdex nhar Ħadd il-Palm, 28 ta' Marzu 2010. Din tibda ħierġa fis-6.30pm. F'din l-okkażjoni, il-Banda Leone ddoqq marċi funebri mis-sett maħruġ fl-2009 li jinsab għall-bejgħ fuq is-CD *Pro Nobis*. Set ġdid ta' marċi funebri huwa skedat, bħas-soltu, għas-sena d-dieħla

Nhar it-Tlieta tal-Ġimgħa Mqaddsa, 30 ta' Marzu 2010, il-Banda Leone mbagħad ikun imissha ttella' l-Kunċert ta' Mużika Sagra fil-Katidral ta' Għawdex taħt id-direzzjoni ta' Colin Attard. Il-kunċert jibda fit-8pm u jkun bil-parteċipazzjoni tal-*Chorus Ecclesiae Cathedralis* (Direttur: Colin Attard) u l-*Cathedral Youth Choir* (Direttur: Matthew Sultana). Il-Banda Leone se tesegwixxi varjetà ta' mużika sagra relatata mal-Ġimgħa Mqaddsa fosthom xogħolijiet lokali. Il-kunċert jintemm bl-innu lis-Salib imqaddes – *La Croce* miktub fl-1911 bis-sehem tal-Banda u l-korijiet. Dħul b'xejn.

Nhar Ħamis ix-Xirka, il-moviment taż-żgħażagħ tas-Soċjetà Leone se jingħaqad maż-żgħażagħ tal-parroċċa Katidrali sabiex jorganizza t-trasport għas-Seba' Viżti tas-sepulkri madwar il-gżira Għawdxija. It-trasport jitlaq minn Pjazza Savina fir-Rabat fid-9pm.

Il-Banda Leone tiċċelebra Ħadd il-Għid bid-dimostrazzjoni popolari bl-istatwa ta' Kristu Rxoxt – xogħol ta' Michael Camilleri Cauchi – li toħroġ mill-Katidral ta' Għawdex fl-10.30am. Il-marċ idur ma' Pjazza Savina u Pjazza Indipendenza akkumpannjat bid-daqq tal-marċi brijużi.

Aktar informazzjoni tista' tinkiseb minn fuq www.leone.org.mt jew bit-telefon fuq 21562974 (uffiċju).

* * *